**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 8 ta’ Marzu 2023

Rikors Ġuramentat Numru: 203/2021 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C D**

**E D f’isimha proprju u bħala kuratriċi *ad litem* tal-minuri F D, u**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur,[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

1. *Illi fil-15 ta' Jannar 2021 l-intimata E D welldet tifel minuri bl-isem ta' F D u dan kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru progressiv 1396; Certifikat anness u immarkat dok A;*

2. *Illi l-minuri F D ġie reġistrat bħala l-wild naturali tal-intimat C D, zewgt l-intimat E D;*

3. *Illi kif se jigi ppruvat fil-kors tal-kawza specjalment minn testijiet xjentifici l-minuri F D ma hux il-bin naturali ta' l-intimat C D;*

4. *Illi fil-fatt il-missier naturali ta' F D huwa l-esponenti u dan stante li qieghed f'relazzjoni ma l-intimata E D;*

5. *Illi l-intimati D ilhom ma jghixux flimkien ghexiren ta' snin;*

*Ghaldaqstant, r-rikorrenti qed jitlob lill-Qorti prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u l-provvedimenti opportuni:*

1. *Tiddikjara illi l-minuri F D li twieled fil-15 ta' Jannar tas-sena 2021 m'huwiex il-wild naturali ta' l-intimat C D;*

2. *Tiddikjara illi l-minuri F D li twieled fil-15 ta' Jannar tas-sena 2021 huwa l-wild naturali tar-rikorrenti;*

3. *Konsegwentament tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fl-Att tat-Twelid relattiv ta' l-imsemmi minuri bin-numru tar-reġistrazzjoni 1396/2021 billi jigu ikkancellati minn kull fejn jinsabu mnizzla fl-istess att tat-twelid il-konnotati kollha ta' l-intimat C D u l-istess jigu sostitwiti bil-konnotati tar-rikorrenti;*

4. *Tordna li l-kunjom tal-minuri F D jiġi sostitwit bil-kunjom A;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.*

[1] Fol. 1.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku,[2] fejn eċċepixxa:

1. *Illi in linea preliminari, għall-inqas mill-atti li ġew notifikati lill-esponenti jidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni meħtieġa ai termini tal-Artikolu 77Ċ tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex it-terminu stabbilit mil-liġi ta' sitt xhur mit-twelid tal-minuri, f'liema perjodu l-persuna ikkonċernata tkun tista' tipproċedi b'kawża ta' dengata paternita' u ta' dikjarazzjoni ta' parentela ai termini tal-Artikolu 77A, għadda. Għaldaqstant, f'dan l-istadju għandu jiġi ddikjarat jekk ir-rikorrent ġiex awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jipproċedi bil-kawża istanti, u fin-nuqqas ta' dan, f'ġieħ l-ekonomija tal-ġudizzju, ir-rikorrentgħandu jirregola l-pożizzjoni tiegħu immedjatament;*

2. *Illi wkoll in linea preliminari, ir-rikorrent irid jegħleb il-preżunzjoni legali maħluqa tramite l-Artikolu 81 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi adegwatament u konvinċiment juri li l-pussess ta' stat tal-minuri F D ma jaqbilx mal-Att tat-Twelid tiegħu innumerat 1396/2021;*

3. *Illi l-esponenti jissottometti illi fil-mertu u b'referenza partikolari għall-paternita' in kwistjoni tal-minuri F D, huwa mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mir-rikorrent fir-rikors ġuramentat u għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

4. *Illi stante li din hija kawża ta' rikonoxximent ta' paternita', huwa ċar illi sabiex tirnexxi l-kawża istanti, ir-rikorrent B A irid jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u temenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri, il-konvenuta E D kienet wettqet adulterju miegħu u di piu' jrid jipprova wkoll xi fatt ieħor li jistgħu ikunu testijiet ġenetiċi, li jeskludu lil C D, ir-raġel tal-konvenuta E D, bħala l-missir naturali tal-imsemmi minuri F D;*

5. *Illi stante s-suespost, l-esponent huwa tal-umli fehma illi jkun ta' beneficcju jekk il-partijiet jissottomettu rwieħhom għal testijiet ġenetiċi ai termini tal-Artikolu 70 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

---

[2] Fol. 12.

6. *Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jistieden lil-istess B A sabiex permezz ta' nota jippreżenta d-dettalji personali tiegħu, senjament: (1) In-numru tal-karta tal-identita', (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta' tiegħu meta twieled il-minuri F, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieled AmirYoussef, (6) Isem u kunjom il-ġenituri tiegħu, u (7) Jekk il-ġenituri tiegħu kienux ħajjin meta twieled F.. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri F;*

7. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandu jassumi l-minuri;*

8. *Illi subordinatament u f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbet attriċi, ikun xieraq li d-dettalji taz-żwieg '21/8/2010/ l-Isla, Malta' li jinsabu fil-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikat id-data u lok taz-zwieg fuq l-Att tat-Twelid ta' F innumerat 1396/2021, kopja ta' liema tinsab annessa mar-rikors promotur u mmarkata 'Dok A', jiġu kkanċellati mill-istess Att tat-Twelid. Għaldaqstant l-esponent huwa tal-umli fehma illi għandha tintalab l-awtorizzazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex issir talba speċifika f'dan ir-rigward għall-finijiet ta' kompletezza;*

9. *Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponenti u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

10. *Salv eċċezzjonijet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed minn issa jiġi inġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat illi ir-risposta ġuramentata ta' C D,[3] fejn eċċeppixxa:

[3] Fol. 16.

*Illi l-esponenti ma jopponiex għat-talba tar-rikorrenti Bako B fir-rikors ġuramentat tiegħu bi numru 203/2021 AL stante li l-intimat jaf li l-minuri F magħruf bil-kunjom D, mhux ibnu;*

*Illi l-esponenti jikkonferma li relazzjoni bejnu u bejn l-intimata E D ilha li spiċċat żmien twil u infatti ilhom snin twal jgħixu ħajja kompletament separata;*

*Illi in oltre, ghaddejjin proċeduri ta' medjazzjoni għal separazzjoni legali;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-esponenti m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti stante li l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil tal-esponenti.;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut C D;

Rat illi l-konvenuta fl-udjenza tat-23 ta' Novembru 2021,[4] iddikjarat li mhux qiegħda toġġezzjona għat-talbiet tal-attur;

Rat l-Att tat-Twelid tal-minuri F D, bin-numru progressiv 1396 tas-sena 2021;[5]

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Novembru 2021,[6] fejn ġiet sorvolata l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-attur ingħata l-awtorizzazzjoni metieġa ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jipproċedi bil-kawża istanti ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-affidavit tal-attriċi;[7]

Rat l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar li ġie maħluf u pprezentat nhar il-11 ta' Lulju 2022,[8] u li miegħu hemm anness rapport xjentifiku tad-DNA minnha stess redatt fir-rigward tal-paternita' tal-minuri Amir Yousef D;[9]

---

[4] Fol. 20.
[5] Fol. 4.
[6] Fol. 20.
[7] Fol. 30.
[8] Fol. 33.
[9] Fol. 34.

Rat in-nota ta' A B datata 3 ta' Frar 2022,[10] fejn ipprovda d-dettalji tiegħu stess;

Rat l-atti kollha tal-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[11]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. <u>L-Azzjoni Odjerna:</u>

Fir-rikors ġuramentat l-attur jikkontendi illi huwa għandu relazzjoni mal-konvenuta E D, minn liema relazzjoni twieled il-minuri F D nhar il-15 ta' Jannar 2021. Madanakollu jgħid ukoll li matul tali żmien il-konvenuta kienet għadha legalment miżżewġa lil konvenut C D, u minkejja li l-konjuġi D kienu ilhom separate *de facto* għal diversi snin, il-minuri ġie rreġistrat bħala iben l-istess konvenut D. Għalhekk l-attur jisħaq illi huwa l-missier naturali tal-minuri u bijologiku tal-minuri, u permezz tal-azzjoni odjerna, l-attur qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-minuri F D ma huwiex il-wild natuali u bijoloġiku ta' C D iżda li hu iben A B, u konsegwentament tgħaddi sabiex tawtorizza l-korrezzjoni neċessarja fl-Att tat-Twelid tal-minuri sabiex l-istat veru tal-minuri jiġi rifless.

Għal tali talba, kemm il-konvenut C D kif ukoll E D jaqblu mat-talbiet kif dedotti. Magħdud ma' dan, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ukoll wieġeb għar-rikors ġuramentat tal-attue, fejn issolleva numru ta' eċċezzjonijiet sabiex b'hekk il-proċedura legali tkun segwita *in toto,* filwaqt li ddikjara li ma huwiex edott mill-fatti kif dikjarati mill-attur u rrimetta ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti.

2. <u>Il-Prinċipji Legali:</u>

[10] Fol. 34.
[11] Fol. 37.

In tema legali jingħad illi ai termini tal-Artikolu 67 tal-Kodiċi Ċivili *"L-iben imnissel matul iż-żwieġ jitqies li hu bin il-konjuġi"* u huwa proprju minħaba tali preżunzjoni legali li l-minuri ġie mniżżel bħala l-wild ta'C D, ċjoe' żewġ il-konvenuta E D. F'dan l-istadju, l-attur B A, qiegħed jitlob illi l-Qorti tiddikjara li huwa l-missier naturali tal-minuri F D, minnflok C D. In vista tal-fatt illi, l-azzjoni odjerna ġiet intavolata mill-allegat missier kontra l-omm, żewġha u l-minuri, tali azzjoni tikkwalifika bħala waħda bbażata fuq l-Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula:

*"Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-ġenitur naturali ta' wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled il-wild, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi li wiled, il-konjuġi l-ieħor u l-wild, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxielu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild, il-konjuġi li wiled kien wettaq adulterju miegħu, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lill-konjuġi l-ieħor bħala l-ġenitur naturali tal-wild".*

Għalhekk jidher ċar illi l-artikolu tal-liġi surreferit huwa subordinat għall-Artikolu 81 li jipprovdi illi:

*"(1) Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu."*

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 80 tal-Kodiċi Ċivili, skont liema:

*"(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.*

*(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:*

*(a) f'każ ta' konjuġi illi żżewġu qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2017 li jemenda l-Att dwar iż-Żwieġ u Liġijiet oħrajn* illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;*

*(b) illi f'każ ta' tfal ta' konjuġi li jkunu żżewġu wara d-dħul fis-seħħ tal-Att tal-2017 li jemenda l-Att dwar iż-Żwieġ u Liġijiet oħrajn, it-tifel ikun ġieb dejjem l-Isem tal-Familja tal-miżżewġin li tagħhom hu jgħid lihuwa l-iben;*

*(ċ) illi l-ġenituri jkunu trattawh bħala binhom, u, f'dik il-kwalità, ħasbu għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokawh;*

*(d) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;*

*(e) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja".*

F'tali azzjoni, ma jistgħax jonqos li ssir referenza għall-Artikolu 70A subinċiż 1 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprovdi:

*"Meta tkun meħtieġa l-kjarifika tal-parentela naturali tal-wild: (a) il-konjuġi jista' jeħtieġ lill-konjuġi li wiled u lill-wild; (b) il-konjuġi li wiled jista' jeħtieġ lill-konjuġi u lill-wild; (ċ) il-wild jista' jeħtieġ liż-żewġ ġenituri; u (d) l-allegat ġenitur naturali jista' jeħtieġ liż-żewġ konjuġi u lill-wild, li jagħtu l-kunsens tagħhom għal test ġenetiku dwar il-parentela u li jaċċettaw li jitteħdilhom kampjun ġenetiku xieraq għat-test skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi viġenti."*

3. <u>L-Azzjoni Odejrna b'Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali:</u>

Il-Qorti rat illi l-minuri F D twieled nhar il-ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn, wieħed u għoxrin (2021), u ġie irreġistrat bħala iben il-konvenut C D li dak iż-żmien kien għadu legalment miżżewweġ mal- konvenuta E D.

Il-Qorti tibda billi tissottolineja illi l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġew sorvolati. Fil-fatt fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni dwar l-awtorizzazzjoni meħtieġa ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta din ġiet akkwistata fl-udjenza tat-23 ta' Novembru 2021. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni dwar il-

pussess ta' stat tal-minuri, il-Qorti rat illi l-konvenut C D jikkontendi illi r-relazzjoni tiegħu mal-konvenuta E D ilha s-snin li intemmet u li fil-fatt għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni. Barra minn hekk, il-konvenut C D jgħid ukoll li hu u E D ilhom is-snin jgħixu ħajja separata minn xulxin, liema verżjoni ma ġietx kontradetta. Għalhekk il-Qorti tara illi l-konvenut qatt ma kien preżenti fil-ħajja tal-minuri, tant li effettivament il-minuri u l-konvenut C D ma għandhom l-ebda rapport. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tara illi kien proprju l-attur li kien preżenti fil-ħajja tal-minuri, li sal-preżent għad għandu sentejn. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tara illi l-preżunzjoni tal-pussess ta' stat ġiet megħluba.

Fir-rigward tal-mertu tal-każ odjern, il-Qorti rat l-affidavit ta' Dr Marisa Cassar ta' nhar il-11 ta' Lulju 2022, fejn ġie ikkonfermat illi Dr Cassar stess ġabret il-kampjuni orali tal-attur B Bakki u l-minuri Amir Yousef D. Permezz ta' rapport xjentifiku, ġie konkluż illi B A, detentur tal-karta tal-identita' 157798A huwa l-missier naturali tal-minuri Amir Yousef D. Għaldaqstant dan jikkonferma illi r-raba' (4) u l-ħames (5) eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ġew sorvolati u dan stante li kif dejjem irritjeniet il-Qorti f'kawżi ta' din in-natura, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra.

Fl-aħħar lok u referibbilment għad-dettalji tal-konvenut B A u kif ukoll il-kunjom tal-minuri, u dan b'referenza għas-sitt (6) u s-seba' (7) eċċezzjoni tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, din il-Qorti tirrileva illi dawn ġew sorvolati ukoll. Illi mill-atti tal-kawża odjerna jidher li d-dettalji tal-konvenut B A ġew iddikjarati permezz ta' nota, li huma: (i) In-Numru tal-karta tal-identita' –, (ii) Isem u kunjom – A B, (iii) L-eta' tiegħu meta twieldet il-minuri – 29 SENA, (iv) Il-post tat-twelid tiegħu – SIRJA, ALEPPO, (v) Il-post tar-residenza tiegħu meta twieled il-minuri – GŻIRA, (vi) Isem u kunjom il-ġenituri tiegħu – G H A u I J, (vii) Jekk l-imsemmi ġenituri kienux għadhom ħajjin meta twieldet il-minuri – IVA. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-kunjom jidher li x-xewqa tal-attur hija li l-minuri jassumi l-kunjom *'A'.*[12] Il-Qorti tara li din ix-xewqa ma ġietx kontradetta mill-konvenuti. Mill-atti l-Qorti tara li ma hemm xejn xi jxekkel milli tali talba tiġi milqugħa, anzi tinsab tal-fehma illi jkun fl-aħjar interessi tal-minuri li jassumi l-kunjom *'A'.*

[12] Ara n-nota tal-attur a fol. 24.

Fir-rigward tat-tmien (8) eċċezzjoni, il-Qorti tara illi din għandha tiġi miċħuda stante illi t-talba tal-attur sabiex id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jagħmel '*il-korrezzjonijiet meħtieġa'* fl-Att tat-Twelid relattiv tal-minuri, tinkorpora kull korrezzjoni sabiex dan jiġi jirifletti s-sitwazzjoni attwali. Magħdud ma' dan, il-Qorti tifhem illi mal-kanċellament tal-konnotati tal-konvenut C D, għandhom jiġu kkanċċellati ukoll d-dettalji taż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta E D.

Fir-rigward tal-kap tal-ispejjeż, il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi:

*"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.*

*(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."*

Magħdud mal-premezss, il-Qorti tagħmel għas-sentenza fl-ismijiet **HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb**,[13] fejn ġie spjegat:

*"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi lispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);*

*Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik id-dikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". <u>Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-</u>*

[13] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Settembru 2004.

*korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur"* (sottolinejar tal-Qorti).

Dan il-prinċipju ġie addottat fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Cassar vs Anabelle Camilleri Montreal et**.[14]

**DEĊIDE:**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, u tipprovdi hekk kif ġej:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-minuri F D ma huwiex il-wild naturali tal-konvenut C D;

2. Tilqa' it-tieni talba u tiddikjara illi l-minuri F D huwa l-wild naturali tal-attur B A;

3. Tilqa' it-tielet (3) talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jaffettwa dawk il-korrezzjoni neċessarji fl-Att tat-Twelid ta' F D, liema Att tat-Twelid għandu n-numru progressiv 1396 tas-sena 2021;

4. Tilqa' ir-raba' (4) talba u tordna illi l-kunjom tal-minuri mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat jkun dak ta' *'A'*.

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża inkluż l-ispejjeż peritali tad-DNA test, għandhom ikunu sapportati mill-attur.

[14] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), nhar it-12 ta' Settembru 2022 (Rikors Numru 30/2021 JPG), mhux appellata.